TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR
MALTA
CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/97/11/S

Charles Pace

Vs

Adam Wiffen u Jeffrey Axiaq

Illum 19 ta'Gunju,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba tal-attur Charles Pace u r-risposta tal-konvenuti Adam Wiffen u Jeffrey Axiaq;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni tal-istess attur;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem il-kwistjoni bejn il-partijiet tikkonsisti f' xoghol ta' "liquid membrane" li f'partijiet inqasam u f'certu partijiet tqaxxar;

Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li l-verzjoni tal-attur Charles Pace giet kontrastata biss bid-dokumenti pprezentati mar-risposta ghax il-konvenuti ma xehdux u ressqux provi ghajr dak gja msemmi;

Illi f'dan il-kaz, il-prova daparti tal-attur saret sal-grad rikjest mill-ligi kif jidher car mix-xhieda tal-istess attur u mir-ritratti pprezentati, kif ukoll mir-rapport tal-Perit Tekniku imqabbad minn dan it-Tribunal;

Illi t-Tribunal jaghmel tieghu il-konkluzzjonijiet tal-Perit Carmel Cacopardo imqabbad bhala espert minn dan l-istess Tribunal;

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba tal-attur Charles Pace u Jordna lill-konvenuti Adam Wiffen u Jeffrey Axiaq ihallsu lil Charles Pace s-somma ta' €700, bl-ispejjez ta' quddiem dan it-Tribunal, inkluz tal-espert tekniku, jithallsu mill-istess konvenuti Adam Wiffen u Jeffrey Axiaq.

Richard Sladden Av.
Arbitru